MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 208/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Krista Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Krista Cassar talli fil-5 ta' Marzu 2005 ghall-habta tal-16: 45 hrs., fi Triq ix-Xatt, Sliema:

1) waqt li kienet qed issuq il-vettura nru. DBL-413 u kienet involuta f'accident tat-traffiku ma' vettura ohra nru. JMJ-033, naqset li tieqaf fuq il-post, u meta kien mehtieg naqset li taghti l-partikolaritajiet taghha u d-dettalji tal-vettura li kienet qed issuq kif mitlub mil-ligi;

2) Ukoll talli saqet l-imsemmija vettura nru. DBL-413 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill- Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura;
3) B'hekk ma kinitx koperta bil-polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija Krista Cassar tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-20 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Krista Cassar hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitt liri Maltin (Lm1100) u skwalifikatha milli jkollha jew tottjeni licenzja ghal zmien jumejn mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Krista Cassar pprezentat fit-28 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberaha minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell taghha l-appellanti tilmenta li l-prosekuzzjoni ma resqitx l-aqwa prova biex issostni t-tezi taghha. Hija tghid li l-prosekuzzjoni harket kemm lil sid il-vettura JMJ-033 kif ukoll terza persuna li allegatament kienet xhud okulari ta' l-incident in kwistjoni. Sid il-vettura msemmija ma ratx l-incident isehh filwaqt li l-allegat xhud okulari, ghalkemm debitament notifikat, naqas milli jidher ghas-seduta u in vista li l-proceduri kienu sommarji, l-Ewwel Qorti nsistiet mal-prosekuzzjoni li taghlaq il-provi f'dik l-istess seduta. Skond l-appellanti, hadd mix-xhieda

tal-prosekuzzjoni ma kkonferma illi dakinhar ta' l-allegat incident hija kienet qed issuq il-vettura DBL-413 meta sehhet il-kollizjoni. Ghalhekk hija ssostni li ma setghetx tinsab hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

L-aggravju ta' l-appellanti bazikament jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti.

Qabel xejn pero` jrid jigi osservat li fir-rikors ta' appell taghha l-appellanti ma kinitx preciza meta qalet li x-xhud okulari kien tharrek u ma deherx u li l-Ewwel Qorti nsistiet li l-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha kollha fl-istess seduta. L-ewwel nett fil-lista tax-xhieda fuq ic-citazzjoni, l-unici xhieda msemmja huma P.S. 1575 Robert Fava (li kien l-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz), id-Direttur tat-Traffic jew rapprezentant tieghu, Rehman Zammit (li gie akkuzat separatament li ppermetta lill-appellanti ssuq il-vettura DBL-413) u Carmela Cassar (sid il-vettura danneggjata). Mill-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2005 imbaghad jirrizulta li s-smigh tal-kawza pproceda b'mod ghal kollox normali, li x-xhieda indikati kollha xehdu (salv ghal Rehman Zammit) u li ma kien hemm l-ebda talba mill-prosekuzzjoni ghal xi differiment biex jerga' jitharrek "ix-xhud okulari". U, kif ser naraw, mix-xiehda ta' P.S. 1575 jirrizulta li l-informazzjoni dwar l-incident dahlet permezz ta' <u>telefonata anonima</u> l-Control Room tal-Pulizija. Ghalhekk il-prosekuzzjoni pproduciet il-provi kollha li kellha ghad-disposizzjoni taghha.

**P.S. 1575 Robert Fava** xehed li fil-5 ta' Marzu 2005 ghall-habta ta' 4.40 p.m. ircevew telefonata l-ghassa ta' Tas-Sliema mill-Control Room fis-sens li vettura DBL-413 kienet dahlet go karrozza pparkjata JMJ-033. Huwa baghat ghas-sid, Mr. Zammit, li qallu li t-tfajla tieghu Krista kienet qed issuq. Meta kellimha (lill-appellanti), hija qaltlu "li kien hemm il-karrozza taghhom ipparkjata double parking fejn il-Magic Kiosk, l-gharus taghha qallha biex tressaqha u titfaghha fil-genb, dak il-hin laqtet il-vettura JMJ-033, ippanikkjat u telqet minn fuq il-post." Qal li wara li kompla jistaqsiha xi mistoqsijiet, ammettiet li ma kellhiex licenzja tas-sewqan. Ix-xhud qal li kellem lill-gharus taghha wkoll li qallu l-istess verzjoni li tat l-appellanti. Qal

li t-tnejn ammettew mill-ewwel u anke qalu li kienu lesti jhallsu d-danni fil-karrozza li ntlaqtet. Carmela Cassar, sid il-vettura JMJ-033, giet infurmata mill-Pulizija li l-karrozza taghha kienet intlaqtet.

**Carmela Cassar** xehdet li kienet id-dar meta cemplulha mill-ghassa ta' Tas-Sliema u nfurmawha li xi hadd kien dahal fuq il-karrozza taghha u talbuha biex tmur l-ghassa. Qalet li marret l-ghassa fejn sabet lil min kien dahallha fuq il-karrozza u riedet thallas dak il-hin ta' l-ispejjez.

**Brian Farrugia**, *senior clerk* fil-Licensing and Testing Directorate, xehed li ghamel ricerka rigward Krista Cassar bin-numru tal-karta ta' identita` 567483(M) minn H'Attard u mwielda fl-10 ta' Lulju 1983 u minn dik ir-ricerka jirrizulta li m'ghandha l-ebda tip ta' licenzja ta' sewqan.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-htija ta' l-appellanti tohrog cara mix-xiehda li ta P.S. 1575 Robert Fava, u cioe` meta xehed dwar l-ammissjoni li ghamlet mieghu l-appellanti li hija kienet qed issuq il-karrozza DBL-413 meta habtet ma' karrozza ohra u telqet minn fuq il-post ghax ippanikkjat. Skond l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali:

**"Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm <u>ukoll bil-fomm</u>, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."**(sottolinear ta' din il-Qorti).

M'hemm l-ebda dubbju li dak li l-appellanti stqarret "bil-fomm" ma' P.S. 1575, stqarritu b'mod ghal kollox volontarju u dik l-istqarrija verbali taghha "ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi".

Inoltre mix-xiehda ta' Brian Farrugia jirrizulta li l-appellanti ma kellhiex licenzja tas-sewqan. Minhabba f'hekk, hija ma kinitx koperta b'polza ta' sigurta` skond il-Kap. 104. Difatti, fis-sentenza taghha tal-25 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija v. Nadine Busuttil**, din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim Imhallef) Vincent DeGaetano qalet hekk:

**"Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tosserva fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru 1994 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs John Cilia*, fil-prassi ta' l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur f'Malta *authorised driver* dejjem gie ritenut li trid tkun persuna li (i) jew ghandha licenzja tas-sewqan, jew (ii) li kellha licenzja tas-sewqan u mhix skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja. Persuna li qatt ma kellha licenzja tas-sewqan (bhalma kienet l-appellanti fil-gurnata ta' l-incident) hi persuna li mhix koperta ghall-finijiet ta' l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104."**

Dan japplika precizament ghall-kaz odjern.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Kwantu ghall-piena, jirrizulta li r-reat taht l-ewwel imputazzjoni huwa ta' natura kontravvenzjonali u ghalhekk huma applikabbli l-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet (art. 55 tal-Kap. 65), filwaqt li t-tieni imputazzjoni hi assorbita fit-tielet. Ghalhekk ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u skwalifikatha milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien jumejn, tirrevokaha in kwantu kkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' Lm1,100 u minflok tikkundannaha ghall-hlas ta' ammenda ta' Lm25 dwar l-ewwel imputazzjoni u ghall-hlas ta' multa ta' Lm1,000 dwar l-imputazzjonijiet l-ohra, u b'dan ukoll li l-perijodu ta' skwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------